



# Il-ġimġħa Ewropea għall-ħiliet vokazzjonali



2018

| LINJI GWIDA BIEX TORGANIZZA L-AVVENIMENT  
JEW L-ATTIVITÀ TIEGħEK STESS

#DiscoverYourTalent

# INGĦAQAD MAL-ĠIMGħA EWROPEA GĦALL-ĦILIEȚ VOKAZZJONALI FL- 2018 U SKOPRI T-TALENT TIEGħEK!

**LINJI GWIDA BIEX TORGANIZZA L-AVVENIMENT  
JEW L-ATTIVITÀ TIEGħEK STESS**

## X'INHI L-ĠIMGħA EWROPEA GĦALL-ĦILIEȚ VOKAZZJONALI?

Il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali hija inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea maħsuba biex tagħmel **I-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV)** – li tiprovvdi lill-persuni bil-ħiliet pratti li jkollhom bżonn għal impjieg f'oqsma bħal-kummerċ, il-bejgħ, l-ospitalitā u t-teknoloġija – aktar attraenti. Din tinkludi avvenimenti u attivitajiet fil-pajjiżi parteċipanti kollha madwar I-Ewropa, fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Il-partijiet ikkonċernati li jieħdu sehem fil-Ġimgħa għandhom l-opportunità li jaqsmu eżempji ta' eċċellenza fl-ETV.

## META SSIR?

Wara s-suċċess tas-sentejn ta' qabel, it-tielet **Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali** se ssir mill-5-9 ta' Novembru 2018. Din is-sena, l-avvenimenti u l-attivitajiet ewlenin se jsiru fi **Vjenna**, se jiġu organizzati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill tal-UE, filwaqt li fi Stati Membri oħra se jsiru varjetà ta' avvenimenti ta' ftuħ nazzjonali.

Iżda l-aktar partijiet importanti tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali se jkunu l-avvenimenti u l-attivitajiet li **torganizza int fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u saħansitra fil-livelli Ewropew** bejn l-1 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru 2018. **Int tista' tressaq flimkien partijiet ikkonċernati fil-pajjiż tiegħek stess jew tingħaqad ma' dawk minn pajjiżi oħra.** Aħna nistednuk tirreġistra l-avveniment jew l-attivită tiegħek permezz tal-paġna tal-web tal-Kummissjoni għall-Ġimgħa (<http://ec.europa.eu/vocational-skills-week>), sabiex l-avveniment ikun jista' jiżdied fuq mappa elettronika, li tagħmel dan l-avveniment disponibbli biex ikun jista' jarah kulħadd. L-avveniment tiegħek imbagħad jista' jsir ukoll wieħed minn dawk li l-Kummissjoni tagħmel enfasi fuqhom fil-promozzjoni tagħha tal-Ġimgħa!

## MIN JISTA' JIEħU SEHEM?

Il-Ġimgħa hija miftuħa għall-organizzazzjonijiet kollha li jippromwovu l-ETV fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi kandidati tal-UE u l-pajjiżi tal-EFTA. L-avvenimenti li jiġu organizzati mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ażjenċja tal-UE), jew f'kooperazzjoni magħha, fil-pajjiżi sħab tagħhom ukoll huma eliġibbli.

L-individwi u l-organizzazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għall-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali jinkludu:

- żgħażagħ jew adulti li qed jitgħallmu;
- għalliema, persuni li jħarrġu, konsulenti jew riċerkaturi;
- forniture ta' taħriġ edukattiv;
- negozji, kmamar, trade unions jew organizzazzjonijiet ta' impjegati;
- persuni li jmexxu programmi tal-ETV, netwerks ta' politika u inizjattivi relatati mal-ETV.

## **GħALIEX GĦANDEK TINGĦAQAD?**

Il-Ġimgħha Ewropea għall-ħiliet Vokazzjonali hija opportunità unika biex int tinvolvi ruħek mas-soċjetà b'mod ġenerali, biex tgħin issaħħaħ il-profil tal-ETV fil-komunità tiegħek u madwar l-Ewropa. Hijha opportunità biex partijiet ikkonċernati ewlenin b'għanijiet simili jingħaqdu flimkien fi sforz magħqqud li jibbaża fuq is-suċċessi individwali tiegħek.

Permezz tal-involviment tiegħek, int se tkun tista':

- tippreżenta b'mod konġunt l-avveniment jew l-attività tiegħek billi tuża l-identità viżwali u l-islogan uniku "**il-Ġimgħha Ewropea għall-ħiliet Vokazzjonali — Skopri t-Talent tiegħek!**";
- tagħmel parti minn netwerk kbir ta' individwi u organizzazzjonijiet li jippromwovi l-iżvilupp tal-ħiliet vokazzjonali;
- tippromwovi l-ħidma u l-avvenimenti tal-ETV tiegħek, issaħħaħ il-viżibbiltà tiegħek u tikseb aktar esponenti.

## **GħALIEX NIPPROMWOVU L-ETV?**

L-ETV tipprovdi lill-persuni bil-ħiliet pratti u trasferibbli, bl-għarfien u bil-kompetenzi li s-suq tax-xogħol jeħtieġ, u tgħinhom ikollhom parti fis-soċjetà b'mod ġenerali.

Iż-żgħażagħ u l-adulti kuljum jistgħu jieħdu deċiżjonijiet dwar il-karrieri tagħhom. **L-avveniment jew l-attività tiegħek** jistgħu jgħinuhom jaraw il-benefiċċċi li kieku jagħżlu l-ETV. Irrispettivament jekk tkunx edukazzjoni formali għaż-żgħażaq, taħriġ vokazzjonali kontinwu għall-adulti, taħriġ tekniku avvanzat, edukazzjoni għolja professjonal iew kwalunkwe tip ta' tagħlim relataż mal-impieg, l-involviment tiegħek jista' jixxet dawl fuq il-firxa kbira ta' għażiex li huma disponibbli madwar l-Ewropa.

## **X'INHUMA L-MESSAĠġI EWLENIN U T-TEMI TAL-ĠIMGħA TAL-2018?**

### **Messaġġi ewlenin**

- Kull persuna għandha **talent** u l-ETV tista' tgħin tidentifika u tiżviluppa dawk it-talenti;
- L-ETV hija għażla eċċelletti għall-persuni ta' **kull età**, u tippreparhom għal karrieri **interessanti** madwar **id-dinja kollha**;
- L-ETV tagħti spinta lill-**impiegabbiltà**, tappoġġja l-**iżvilupp personali** u tista' twassal għal **impieg i ta' kwalită għolja**;
- **It-tagħlim tul il-ħajja jtejjeb l-inklużjoni soċjali, id-diversità u c-ċittadinanza attiva.**

## Temi

- Il-futur tal-ETV inkluż:
  - id-diġitalizzazzjoni;
  - l-ħoti tas-setgħa lill-individwi għall-ġestjoni tal-karriera u għall-iżvilupp tal-ħiliet tul il-ħajja;
  - il-validazzjoni ta' tagħlim mhux formal u informali;
  - l-importanza ta' ħiliet tas-seklu 21;
  - ir-rwol ta' mexxejja/għalliema/persuni li jħarrġu tal-ETV;
  - l-internalizzazzjoni tal-ETV.

## KIF TISTA' TIKKONTRIBWIXXI?

Hemm īnfra **avvenimenti** li jistgħu jgħinuk tikkomunika man-nies, issaħħaħ il-profil tal-inizjattivi tal-ETV tiegħek u ssebbaħ id-dehra tagħhom:

- Jiem għall-pubbliku (eż. fi skejjel, negozji u ċentri ta' taħriġ);
- Jiem tal-karrieri, fieri tal-edukazzjoni u wirjiet tal-kummerċ;
- Sessjonijiet "staqsi lil espert" fuq il-post tax-xogħol;
- Jiem/iljieli ta' informazzjoni li jippreżentaw programmi vokazzjonali;
- Kompetizzjonijiet, tal-ħiliet, kwiżżejjiet, kuntesti u ġerimonji tal-premijiet nazzjonali/reġjonali/lokali;
- Webinars li jippromwovu l-iżvilupp tal-ħiliet vokazzjonali;
- Sessjonijiet ta' Facebook Live ma' persuni interessanti li jippromwovu l-iżvilupp professjonal tul il-karriera;
- Konferenzi li jippreżentaw xejriet ġodda fit-tagħlim fuq il-post tax-xogħol;
- Diskussionijiet/diskursati għal organizzazzjonijiet tas-setturi li jiddiskutu l-ħtieġa għall-ħiliet vokazzjonali jew modi possibbi kif jiġu żviluppati l-ħiliet vokazzjonali;
- Diskorsi li jenfasizzaw is-sejbiet ewlenin tar-riċerka dwar il-ħiliet vokazzjonali;
- Laqgħat li jinvolvu stqarrijiet jew avviżi minn rappreżentanti politiċi lokali li jappoġġjaw l-importanza tat-tagħlim vokazzjonali tul il-ħajja;
- Żjarat ta' čelebratijiet lil kumpaniji biex "jagħmlu xogħol differenti għal ġurnata";
- Dimostrazzjonijiet ta' għodod ġodda "għall-ġbir tal-ideat" għall-forza tax-xogħol tiegħek (eż. intranet, blog għaq-trainees u għall-impiegati, programmi ta' ġestjoni tal-ideat).

Minbarra li torganizza avvenimenti, int tista' wkoll tikkontribwixxi permezz ta' **tipi ta' attivitajiet oħra**:

- Torganizza kompetizzjonijiet tar-riatratti jew tal-vidjows/blogs għal studenti tal-ETV biex juru għaliex jieħdu pjaċir fit-taħriġ tagħhom jew xi jkunu kisbu mill-gradwazzjoni (tinsiex tuża l-midja soċċiali!);
- Torganizza kampanji tal-midja mmirati li jinvolvu mudelli għaż-żgħażaq u studenti tal-ETV li jkunu gradwaw b'suċċess;
- Tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni għall-organizzazzjoni tiegħek biex issaħħaħ il-profil tal-ETV – inklużi opportunitajiet ta' impieg;
- Taħtar ambaxxaturi/mudelli biex jaqsmu s-suċċessi tagħihom tal-ETV (eż. l-aqwa koki, disinjaturi grafiċi, kantanti/atturi, persuni mdaħħla fl-isports, disinjaturi tal-modha);

- Twettaq attivitajiet online u tal-midja soċjali (eż. tibda konverżazzjoni jew avveniment fuq il-midja soċjali ma' esperti tal-ETV online).

Għall-avvenimenti u għall-attivitajiet kollha tiegħek, uża n-netwerks eżistenti tiegħek u ibni sħubji ġodda mal-partijiet ikkonċernati ewlenin.

Int tista' wkoll tadatta jew tikkumerċjalizza mill-ġdid kwalunkwe avveniment jew attivitā tiegħek li jkunu ġejjin biex jagħmlu parti mill-Ġimgħa Ewropea għall-Hejjah Vokazzjonali, billi tuża l-identità viżwali u l-messaġġi ewlenin tal-Ġimgħa.

## KIF TISTA' TIPPJANA L-AVVENIMENT JEW L-ATTIVITÀ TIEGħEK?

Hawn għandek xi **suġġerimenti** sempliċi biex jgħinuk tħejji l-avveniment jew l-attivitā tiegħek mill-bidu, jew tadatta/tagħti dehra ġidida avveniment jew attivitā eżistenti:

- Agħmel sessjoni ta' taħbi il-moħħ (fi ħdan l-organizzazzjoni tiegħek stess jew ma' sħab oħra) biex tiddiskutu dwar xiex se tkun l-attivitā.
- Fassal l-iskeda taż-żmien u l-pjan tiegħek. L-attivitā għandha sseħħi bejn l-1 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru 2018.
- Hu deċiżjoni dwar l-udjenzi fil-mira ewlenin tiegħek.
- Aħseb dwar kif l-aħjar tilħaq lil dawn l-udjenzi. X'jista' jiġbed l-interess tagħhom jew ikun ta' għajnejna għalihom? X'azzjonijiet tixtieqhom jieħdu?
- Aħseb dwar kif int tintegħha l-messaġġi ewlenin tiegħek fl-attivitā u fil-materjal promozzjonali tiegħek.
- Ibni fuq is-suċċessi ta' attivitajiet preċedenti u ħallihom jagħtuk ispirazzjoni għal din l-attivitā promozzjonali partikolari.
- Ikkonferma jekk għandekx baġit jew le għal kwalunkwe attivitā ppjanata, għaliex dan jista' jiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tiegħek.
- Aħseb f'modi differenti kif tippromwovi l-attivitā tiegħek lil udjenza aktar mifruxa, u kif wara xixerred il-messaġġi.

Ladarba tiffinalizza l-ippjanar, nitolbuk timla biss il-formola tar-reġistrazzjoni disponibbli permezz ta' dan il-link: <http://ec.europa.eu/vocational-skills-week>. L-avvenimenti jew l-attivitajiet kollha rreġistrati permezz tas-sit web tal-Kummissjoni se jiġu skrinjati sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni neċċesarja kollha tkun ingħatat u li l-attivitā tiegħek tikkorrispondi mal-ġhanijiet tal-Ġimgħa. Int se tiġi kkuntattat/a jew għal kjarifika ulterjuri jew b'konferma li l-avveniment tiegħek ikun żdied mal-mappa fuq is-sit web tal-Ġimgħa Ewropea għall-Hejjah Vokazzjonali.

## XI JMISS?

Ladarba tirċievi konferma li l-avveniment jew l-attivitā tiegħek se jiġu inklużi fuq il-mappa, int se tirċievi wkoll materjal ta' gwida u kitt ta' komunikazzjoni, inkluż informazzjoni dwar kif tallinna l-materjal promozzjonali tiegħek mal-istil **viżwali u s-slogan tal-Ġimgħa Ewropea għall-Hejjah Vokazzjonali**.

Int għandek tippromwovi l-avveniment jew l-attivitā tiegħek bil-quddiem billi tuża n-netwerks eżistenti bħal pjattaformi tal-midja soċjali, midja lokali u kuntatt dirett. Wara l-avveniment, int tista' taqsam ir-riżultati tal-esperjenza tiegħek billi tuża l-hashtags #EUVocationalSkills u

#DiscoverYourTalent. Int tista' wkoll tinnotifika/tittaggja lill-kontijiet tal-midja soċjali tad-DG Impjegi ([@EU\\_social](#) u [@EuropeanYouthEU](#) fuq Twitter, u [Social Europe](#) u [European Youth](#) fuq Facebook).

## MISTOQSIJET FREKWENTI

### Meta se ssir din l-attività?

Aħna nħeġġu biex din is-sena, l-avvenimenti jew l-attivitàjet isiru bejn l-1 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru 2018. Il-Ġimgħa tilħaq il-qofol tagħha fl-attivitàjet fi Vjenna mill-5-9 ta' Novembru 2018.

### Hemm xi restrizzjonijiet biex tieħu sehem?

Il-proposta tiegħek għandha tissodisfa l-istandardi minimi tal-kwalità:

- Tirrifletti l-impenn tiegħek biex **tippromwovi l-eċċelleza fl-ETV**, u/jew l-opportunitajiet li l-ETV tista' toffri;
- Ikollha l-għan li **ttejjeb l-immaġni, l-attraenza u l-kwalità tal-ETV** u tinvolvi partijiet ikkonċernati differenti (b'mod partikolari dawk li ma jinsabux fl-organizzazzjoni tiegħek u/jew dawk li **għadhom mhumiex involuti fl-ETV**);
- Jekk ikun possibbli, tagħmel disponibbli informazzjoni dwar l-eżiġi pożittivi;
- Tinvolvi sforz speċjal li **jmur lil hinn mill-attività normali** tal-organizzazzjoni tiegħek;
- Tkun lest biex tikkontribwixxi għall-valutazzjoni u **l-evalwazzjoni** tal-impatt u tar-riżultati tal-Ġimgħa permezz ta' stħarriġ qasir jew intervista qasira.

L-informazzjoni fil-formola tar-reġistrazzjoni għandha timtela b'mod sħiħ, u l-kitt tal-komunikazzjoni għandu jintuża b'mod tajjeb.

Jekk jogħġgbok innota li din l-inizjattiva **m'għandhiex** skopijiet kummerċjali u mhix imfassla sempliċiment biex tippromwovi korsijiet ta' taħriġ.

### Hemm xi sussidji disponibbli?

Le — il-Kummissjoni Ewropea qed tipprovd assistenza in natura billi tippromwovi avvenimenti permezz tal-midja soċjali, tagħmel materjal promozzjonali disponibbli f'lingwi differenti u tiżgura kopertura mifruxa mill-midja. Ir-reġistrazzjoni ta' avveniment jew attivită fuq il-paġna tal-web tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali ma tagħtix aċċess għal xi finanzjament mill-UE.

### Is-sena d-dieħla, se jkun hemm ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali?

Iva! Il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali 2019 se ssir matul it-tieni nofs tal-2019.

---

## GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI

- **Sit web:** <http://ec.europa.eu/vocational-skills-week>
- **Indirizz elettroniku:** [empl-vocational-skills-week@ec.europa.eu](mailto:empl-vocational-skills-week@ec.europa.eu)

## AGĦMEL PARTI MILL-ĠIMMGħA EWROPEA GĦALL- ĦILJET VOKAZZJONALI 2018 U SKOPRI T-TALENT TIEGħEK!